# DUN MIKIEL XERRI

——0:0——

BUZZETT STORIKU

TA' ĠINO MUSCAT-AZZOPARDI

MALTA 1949.

## JIDHRU FIL-BUZZETT:

DUN MIKIEL XERRI.

SAVER MUSCAT.

MIKIEL VELLA.

ANNA.

PAWLU L-ISWED.

FIZZJAL FRANĊIŻ.

ERBA' SULDATI FRANĊIŻI.

---

IL-BELT, 13 ta' Jannar 1799.

Wara nofs in-nhar.

# DUN MIKIEL XERRI

## IX-XENA:

Id-dar fil-Belt ta' Dun Mikiel Xerri. Kmajra ċkejkna. Fil-fond, fuq ix-xellug, il-bieb ta' barra li titla' għalih b'żewġ tarġiet; dejjem fil-fond, fuq il-lemin, tieqa li biex tittawwal minnha trid titla' wkoll b'żewġ tarġiet u li għandha l-ħadid iggradiljat minn barra; minnha ma tistax tara x'qiegħed isir fit-triq. Ħdejn it-tieqa gaġġa ċkejkna b'għasfur ġewwa fiha.

Fuq il-lemin bieb miftuħ dejjem li jagħti għall-kamra ta' ġewwa. Fil-fond, bejn il-bieb u t-tieqa, mejda tal-kawba x'aktarx kbira, b'ħafna kotba fuqha, kruċifiss, klamar, pinen tar-rix, karti, eċċ. Fuq il-lemin, mal-ħajt, ġinok-kjatur quddiem xbieha tal-Madonna bid-dawl inemnem quddiemha. Fuq ix-xellug gradenza b'xi affarijiet fuqha; ħdejha spalliera mal-ħajt, b'suttana ġdida, kappell u xalpa sewda mdendlin magħha. Siġġijiet 'l hawn u 'l hemm.

Xerri (*Mitfuqħ fuq l-iskrivanija qiegħed jikteb ittra*).

Muscat (*Mitfuqħ fuq siġġu, ma' ġenb il-gradenza, b'minkbejh fuq irkobbtejh u wiċċu moħbi f'qigħan idejh.*)

Xerri (*Wara li jispiċċa l-ittra, jitwiha u jpoġġiha f'tarf il-mejda u jqiegħed muftieħ fuqha.*)

Muscat (*kważi lilu nnifsu*) Kollox... kollox spiċċa...

Xerri (*iħares fil-vojt donnu f'ħolma*) ...iżda ebda ħtija ma nistgħu nsibu fi-għamil tagħna. Xejn ma naqas minnek, u minni, u minn sħabna ...

Muscat (*bħal wieħed maqrus*) Minn sħabna?! Dun Mikiel!... fostna kellna Ġuda...

Xerri (*kalm*) Qatt tixli lil min forsi ma għandu ebda ħtija...

Muscat (*iqum u jibda jippassiġġa kollu nervuż minn tarf għall-ieħor tal-kamra*) Ma jistax ikun... ma jistax ikun... Kif setgħu l-Franċiżi fi żmien hekk qasir, f'inqas minn erbgħa-u-għoxrin siegħa, ikunu jafu l-ismijiet ta' sħabna? Kif jista' jkun? Xi ħadd minna tkellem... xi ħadd minna lagħabna...

XERRI Saver... issa mhux aktar il-waqt il noqogħdu nixlu wieħed lil ieħor. Id-dmir tagħna huwa wieħed : dak li ma nitilfux rasna u b'hekk inkabbru l-gwaj li riesaq fuqna.

MUSCAT Iżda, min jista' jkun? Dun Miju? Guglielmu Lorenzi? Wiġi Siliatu? Pulis? D'Amatu? Min jista' jkun? Fra Martin? Peralta? Satarjanu?

XERRI (*lilu nnifsu*) Satarjanu?

MUSCAT Għadni kif rajtu dieħel fil-Banka tal-Ġurati.

XERRI (*bil-ħatfa*) Lil Satarjanu? U x'mar jagħmel? Lilek rak?

MUSCAT Le!

XERRI Fil-Banka tal-Ġurati? Satarjanu? (*wara ftit b'leħen mibdul*) Le... ma jistax ikun... huwa kollu minnu li fostna lkoll Satarjanu kien l-aktar bniedem beżżiegħi u ta' qalb ċkejkna, iżda, dana tiegħi huwa dnub, dnub iswed li naħseb ħażin fih...

MUSCAT Satarjanu! U tgħid li kien wieħed minna; li kien jaf bil-konfoffa li kellha ssir... kif kellna nitqassmu... l-ismijiet ta' sħabna kollha : il-beżżiegħi... il-Ġuda...

XERRI Saver... u nagħtu kas li dak li qiegħed taħseb huwa minnu; nagħtu kas li Satarjanu, imbeżża' mill-Franċiżi, qal kull ma kien jaf u kixef lil sħabu! X'nistgħu nagħmlu? Inkunu qegħdin indewwu l-pjaga ta' Malta billi nsiru nobogħduh u nsejħulu Ġuda? Xejn ma jsir f'din id-dinja ċkejkna tagħna jekk mhux bir-rieda ta' Min ħalaqna... inbaxxu rasna għar-rieda Tiegħu... Min igħidlek li bil-gwaj li miss lilna Alla l-Imbierek ma ħelesx lil Malta minn gwaj akbar? (*wara pawsa*) Aħna ħaddimna moħħna għall-ħelsien ta' din il-Gżira, ħdimna id f'id, qalb waħda... fejn ma wasalniex aħna ma għandniex nitilfu t-tama li ma jistax jasal Dak (*juri s-Sema b'sebgħu*) li jista' kollox... nintefgħu f'riġlejh... nitolbu Lilu...

MUSCAT (*jargħa' jmur jintafa' fuq is-siġġu kif kien fil-bidu.*)

(*Wara ftit tinstama' taħbita ħafifa fuq il-bieb ta' barra*)

(*jinħasad u jħares lejn Dun Mikiel Xerri*)

XERRI (*jistaqsi b'rasu : Min jista' jkun?*)

MUSCAT (*imur ħdejn il-bieb u jistaqsi*) Min hemm?

VELLA (*minn barra*) Viva Ġesù Marija u San Pawl Missierna.

MUSCAT (*itenni lil Dun Mikiel*) Viva Gesù Marija u San Pawl Missierna. Leħen Mikiel Vella.

XERRI Iftaħlu! (*iqum bil-wieqfa*).

MUSCAT (*Jiftaħ il-bieb u jargħa' jsakkru wara Vella*).

VELLA (*Jidħol bil-għaġġla u jgħannaq lil Dun Mikiel*) Dun Mikiel!!

XERRI X'inhuma l-aħħar aħbarijiet?

VELLA (*b'qalbu maqsuma*) Għadhom kif arrestaw lil Dun Bartilmew Zarb u lil Mattew Pulis...

MUSCAT Miskin Dun Miju...

VELLA Dun Mikiel... ħsibt li miniex sejjer insibek hawnhekk.

XERRI (*b'kalma tal-biża'*) Min jaf kontx issibni kieku ġejt minn hawn u siegħa oħra?

MUSCAT U ta' Sillatu? Ta' D'Amatu? Ta' Peralta? Għandek aħbarijiet?

VELLA Ma tafux li lil Peralta arrestawh dalgħodu?

XERRI Fil-għodu... fil-għaxija... mal-lejl... ħadd ma jaħrab mid-dwiefer ta' Vaubois...

VELLA F'kommitna kellna lifgħa, lifgħa l-aktar moqżieża... Kieku kif saru jafu minn konna aħna tal-konfoffa?

MUSCAT Satarjanu!

VELLA Kulħadd qiegħed isemmi lil Satarjanu.

XERRI L-aħwa tintilfux fuq dak li għadda u li bih ma nistgħu nsewwu xejn (*lil Vella*) X'sar sewwa wara li nkixfu dawk li kienu mistoħbiijn fl-Imħażen ta' Marsamxett?

VELLA (*b'leħen miksur*) Malli raw lill-Franċiżi fuqhom tfixklu bejniethom; min ħarab, min qabeż il-baħar, min beda jissara b'ħiltu kollha... id-dlam issokta ħawwadhom u sa ma sebaħ, fl-Imħażen tal-Kwarantina, ma kienx fadal għajr ftit katavri u l-blat ta' taħthom iħammar bid-demm Malti...

MUSCAT Qaluli li Lippu Pulis wera ħila li ma bħalha...

VELLA Ma' tul il-lejl stess bdew jarrestaw lil xi nies: igħidu li Satarjanu kien minn ta' l-ewwel li ġew arrestati...

XERRI Iżda Saver lil Satarjanu għadu kemm raħ barra...

MUSCAT Rajtu dieħel fil-Banka tal-Ġurati.

VELLA Fost l-Appostli kien hemm Ġuda; fostna kellna lil Satarjanu.

XERRI (*Jiehu lil Vella u lil Muscat taħt dirgħajh*) L-aħwa, jiena ktibt lil ħuti x'għandu jsir minn ħwejġi wara

mewti. Ix-xorti ħażina li misset lil sħabna trid tmiss lilna wkoll. Qabel inżul ix-xemx aħna nkunu Sant'Jermu sabiex inwiegħbu għall-għemil tagħna. F'moħħna... ġewwa qalbna ma għandux ikun hemm post għall-mibegħda kontra min, imħabba fil-biża', kixef lilna biex idabbar rasu huwa. Inhejju rwieħna ta' nsara li aħna għal dak kollu li jista' jiġri. Inkunu qawwija fil-fehma tagħna ta' Maltin... Issa huwa l-waqt li nuru b'għemilna u mhux bil-kliem biss, li aħna lesti sabiex inxerrdu demmna għal Malta tagħna...

*(Pawsa ftit twila — tinstama' fuq il-bieb ta' barra taħbita ċkejkna.)*

XERRI *(bla ma jinħasad)* Waslu!

MUSCAT Professur...
VELLA Dun Mikiel...

XERRI Ifthulhom... min jista' jkun ħlief huma?

VELLA *(B'kuraġġ kbir jiftaħ il-bieb ta' barra beraħ)* Idħlu...

ANNA *(tfajla fuq il-għoxrin sena, libsa l-iswed, tidħol kollha mbażża')* Hawn joqgħod Dun Mikiel Xerri?

VELLA Bagħtek xi ħadd?

ANNA Nixtieq inkellmu...

VELLA Idħol... *(u jerġa' jagħlaq il-bieb warajha)*

XERRI *(b'dirgħajh miftuħa)* Anna!

ANNA *(tmur tiġri fuqu u tinfexx tibki fuq sidru)*

XERRI Anġlu qalli li kellek tiġi tarani.

ANNA *(bil-ħatfa)* U Anġlu fejnu? Għandkom xi aħbar tiegħu?

VELLA Xejn!

MUSCAT X'aktarx ħarab u jinsab Birkirkara...

ANNA *(bħal waħda qiegħda toħlom)* Le... Anġlu mejjet... inħoss li huwa mejjet... Ġejt hawn imħabba fih *(u tħares ma' dwarha biex tistaqsi jekk għandhiex titkellem)*

XERRI *(li jkun qara l-ħsieb tagħha)* Tkellem, binti, tkellem... dak li trid tgħid lili tista' tgħidu quddiem dawn l-irġiel għax huma bħali.

MUSCAT Kif tista' tgħid li Anġlu mejjet?

ANNA *(dejjem qisha f'ħolma)* ...dal-għodu qagħadt nistenna lill-Franċiżi jitilgħu minn Marsamxett b'dawk li nqabdu l-bieraħ fil-għaxija fl-Imħażen tal-Kwarantina; rajthom telgħin bihom... flejthom wieħed wieħed... aktar minn tmintax... Anġlu ma kienx magħhom.

VELLA (*b'għajta ta' rebħa*) F'ħajjet Alla! Mela dabbar rasu... mela laħaq ħarab...

XERRI Binti, la Anġlu, il-maħbub tiegħek, mhux maqbud mill-Franċiżi inti għad tista' tarah u forsi ma ddumx bosta... iżda... inti taf Anġlu kemm kien iħobbok...

ANNA Naf... iva, naf...

XERRI La tħallix l-imħabba tiegħek tintilef fix-xejn, nitolbok... għaraf ħobb inti wkoll dak kollu li kien iħobb Anġlu tiegħek...

ANNA X'jiġifieri? Tkelliem.

XERRI Jiġifieri li jekk qatt huwa qallek xi ħaġa fuq għemilu... fuq sħabu...

ANNA (*bi kburija*) Nieħu l-mewt u ma ngħidx nofs ta' kelma.

XERRI (*jissokta*)... nofs ta' kelma, ħarsa mhix f'lokha, mistoqsija żejda... tista' tiswa ħajja ta' bniedem u bosta huma dawk il-bnedmin, bħali, li għandhom ħajjithom imdendla f'xagħra. Il-belt hija miżgħuda bix-xellugin u bix-xellejja. Kull wieħed minna, bla ma jintebaħ, għandu dell jimxi warajh u jgħassislu. Il-mixtrija huma bosta... nofs ta' kelma, nofs ta' kelma żejda tista' twaddab missier f'qiegħ ta' ħabs u toħloq armla u ltiema ġodda.

ANNA Jien naf... jiena naf kollox.

VELLA Anġlu x'aktarx li jinsab Birkirkara; jiena ma ndumx ma nkun naf fejn jinsab sewwa.

ANNA Le! Le! Anġlu mejjet... inħoss li huwa mejjet.

MUSCAT Iżda dan min jista' jgħidu?

ANNA ...aktar minn għaxra qabżu mit-twieqi u stabtu mal-blat. Lil Anġlu tiegħi ma naraħx aktar... ma naraħx aktar (*u tinfexx tolfoq fuq spallet ix-xellugija ta' Xerri*)

— *Pawsa* —

XERRI (*lil Muscat u lil Vella*) U intom x'qegħdin tistennew biex iddabbru raskom?

MUSCAT, VELLA (*Jibqgħu siekta donnhom żewġ statwi, b'rashom imdendla fuq sidirhom u għajnejhom mitlufin.*)

XERRI Ikun wisq aħjar għalikom jekk tħalluni ma' Anna biss sabiex meta jaslu l-Franċiżi ma jsibukomx hawn miegħi.

MUSCAT Le... ħdimna flimkien u jeħtieġ tmissna xorti waħda.

XERRI (*kalm*) X'ġid niksbu? X'jiswa lili billi jarrestaw lilkom ukoll? X'jieħu pajjiżna billi flok wieħed jintilfu tlieta min-nies? Xejn... 'Il quddiem jista' jkun meħtieġ darba oħra x-xogħol tagħkom. Morru, isimgħu minni: morru.

VELLA (*bi tbissima qarsa*) Fejn? Għand min?

MUSCAT X'tiswa aktar il-ħajja tagħna?

XERRI Morru nqaflu fid-djar tagħkom: stennew u itolbu. Itolbu għalina li ninsabu taħt il-madmad; stennew il-għajta ta' Malta li tista' jkollha bżonnkom minn waqt għal ieħor.

MUSCAT Jekk aħna nabbandunawk issa, f'din is-siegħa ta' qtigħ il-qalb, inkunu vili.

XERRI Saver... Mikiel... kif smajtu dejjem minni fl-imgħoddi... nitlobkom tagħtux il-ħajja tagħkom għalxejn meta ħadd ma hu jitlobhielkom... għada din l-art tagħna jkollha bżonn il-ħidma tagħkom. Kif twieġbu għassejħa tagħha?

VELLA (*deċiż*) Immorru!

MUSCAT (*għarkobbtejh quddiem Xerri*) Berikni, Dun Mikiel. Berikni.

XERRI (*b'idu fuq ras Muscat*) Tkun imbierek... j'Alla tkun tista' tiswa għal Malta aktar mill-ftit li rnexxieli niswa jiena.

VELLA (*igħin lil Muscat iqum, jieħdu minn taħt abtu*) Immorru!

*(Vella u Muscat joħorġu bil-kemm jitħarrku. Anna tibqa' bla ċaqlaq tħares fil-vojt.)*

XERRI (*kalm u qawwi jsakkar il-bieb warajhom u—wara pawsa—b'daħru poġġut mal-gradenza jgħid lil Anna*) Anna... għad li jiena qiegħed narak quddiemi l-ewwel darba, inħoss li ili nafek bosta... Anġlu li kien iħobbok xejn inqas milli kont tħobbu inti, kien ikellimni fuqek fit-tul... qalli kollox...

ANNA Qallek kollox... bl-imħabba tagħna... bil-qerq ta' missieri...

XERRI Kollox... kollox... qalli biex inżomm għajnejja fuqek, biex immexxik jiena, biex ngħinek f'dak kollu li tkun teħtieġ, iżda... kif inti stess qiegħda tara jiena ma nis-

tax inkun għalik dak li nixtieq, ma nistax inwettaq dak li talabni Anġlu tiegħek...

ANNA (*tibqa' dejjem siekta bla tiċċaqlaq.*)

XERRI Inti taf tajjeb li jiena ma fadalix ħlief ftit sigħat biss ta' libertà. Dak id-destin li miss lil sħabi tal-Konfoffa jrid imiss lili wkoll għax jiena wkoll kont wieħed minnhom...

ANNA Bħal Anġlu... bħal Anġlu tiegħi...

XERRI Iżda meta mmur jiena, ikun għad fadal min jista' jieħu ħsiebek: Saver Muscat.

ANNA (*b'disperazzjoni*) Imma għaliex għandhom jarrestawk? Għaliex inti hekk samm fi kliemek?

XERRI Għaliex jiena kont wieħed mill-kapijiet tal-Konfoffa... għaliex min wassal quddiem il-Franċiżi l-ismijiet ta' sħabi ma satax jinsa ismi... il-għaġeb tiegħi, Anna, mhux għaliex se jarrestawni iżda għaliex damu daqshekk ma ġew għalija (*pawsa ftit twila*) Binti... kif ninsabu weħidna u kwieti xtaqt nitolbok ħaġa ċkejkna...

ANNA (*malajr*) Għidli... jiena lesta għal kollox.

XERRI (*bi tbissima qarsa fuq xofftejh*) Le... jiena miniex sejjer nitlob minnek ħwejjeġ kbar. Ara din l-ittra u dan il-muftieħ... (*juriha l-ittra u l-muftieħ li jkun poġġa fuq il-mejda fil-bidu*) ...nitolbok, meta jkun il-waqt, tagħtihom lil ħuti. Huma jinsabu Ħaż-Żebbuġ fejn int ma tistax tmur issa... żommhom għandek, ibża' għalihom u xi darba, meta tkun tista' ibgħathomlhom... ikun aħjar jekk tagħtihomlhom inti stess...

ANNA Iva.

XERRI Sellili għalihom... għal Salvu, għal Ġanni, għal Marija... itlobhom jaħfruli għal dak l-imrar kollu li ġegħilthom iġarrbu bil-għemil tiegħi .. għidilhom li bqajt dejjem naħseb fihom.

ANNA (*kommossa*) Dun Mikiel...

XERRI (*dejjem b'kalma tal-biża'*) Ma jdhirlix li fadalli aktar x'nitolbok...

ANNA U jekk jarrestaw lis-Sur Saver Muscat ukoll? Min jibqa' li nista' niftaħ qalbi miegħu?

XERRI ... issib... issib... għad fadal irġiel... għad fadal Maltin... qatt taqta' qalbek...

(*Tinstama' taħbita fuq il-bieb ta' barra.*)

*(Jinstama' wkoll xi tgeġwiġ ta' leħnijiet)*

ANNA Waslu.

XERRI *(b'kuraġġ li ma bħalu)* Iftħilhom!

ANNA *(taqa' għarkobbtejha quddiem Dun Mikiel u tgħannaqlu riġlejh)* Dun Mikiel... Dun Mikiel... ma narakx aktar ..

XERRI *(bħal qabel)* Tħallihomx jistennew *(jgħinha tqum bil-wieqfa)*

ANNA *(bil-mod tmur tiftaħ il-bieb ta' barra).*
*(Jidħol fizzjal Franċiż u żewġ suldati Franċiżi warajh. Tnejn oħra jibqgħu fil-bieb igħassu.)*

PAWLU *(jidħol kollu mgerrex u jpoġġi bil-qiegħda fuq it-taraġ)*

FIZZJAL *(lil Xerri)* Monsieur le Professeur Michel Xerri?

XERRI *(merfugħ u b'leħen qawwi)* Jien!!

FIZZJAL *(idur fuq Pawlu u jistaqsih bis-sinjali jekk Xerri hux il-bniedem li kienu ġew għalih.)*

PAWLU *(minn taħt ilsien)* Oui... lui même...

SULDAT *(jersaq fuq Xerri sabiex jorbotlu idejh)*

FIZZJAL Non, non... Lucien.

SULDAT *(jarġa' lura)*

FIZZJAL *(jagħti ordni liż-żewġ suldati b'għajnejh u dawn jibdew ifittxu fir-rokon kollha, fil-kxaxen tal-gradenza, iqallbu kullimkien bla ma jsibu xejn; meta jispiċċaw jidħlu jfittxu fil-kamra ta' ġewwa.)*

XERRI *(Sakemm tkun qiegħda ssir din it-tfittxija, jinża' minn fuqu s-suttana u jilbes is-suttana l-ġdida li jkun hemm imdendla fl-ispalliera. Ma' għonqu jdawwar ix-xalpa sewda u minn l-iskrivanija jieħu l-ktieb ta' l-Uffizzju.)*

ANNA *(li tkun intefgħet fuq l-inġinokkjatur b'wiċċha moħbi bejn idejha tibqa' hemm titlob bla ma tiċċaqlaq.)*

XERRI *(wara li jagħti daqqa ta' għajn lil Pawlu)* Inti m'intix Pawlu l-iswed? Hawn x'ġejt tagħmel?

PAWLU *(ilaqlaq bil-mistħija)* Għax... għax billi naf xi kelmtejn bil-Franċiż... xi drabi... hekk iqabbduni *(jiġri fuq Dun Mikiel jaqa' għarkobbtejh u jbuslu idu l-leminija)* Aħfirli... għandi erbat itfal... nitolbok taħfirli...

FIZZJAL *(lil Pawlu)* Demandez lui s'il faut que nous l'attendions dans la rue où s'il-y-a quelque message a écrire.

PAWLU (*lil Xerri*) Professur, tridhom jistennewk barra? Trid tikteb lii xi ħadd?...

XERRI Le! (*iħares ma' dwaru, jilmaħ il-għasfur, jiftaħ il-gaġġa, jaqbdu, ibusu u jħallih itir mit-tieqa. Wara jmur fuq l-inkwatru tal-Madonna, ibusha u jitfi d-dawl ta' quddiemha.*)

SULDATI (*li jkunu daħlu fil-kamra ta' ġewwa joħorġu u wieħed minnhom igħid lill-Fizzjal tiegħu*) Rien de tout!

XERRI (*imiss ras Anna*) Itlob għalija...

ANNA (*ma tiċċaqlaq xejn xejn minn kif tkun.*)

XERRI (*lill-Fizzjal u lis-suldati*) Immorru! (*u b'pass sod joħroġ 'il barra mal-Franċiżi.*)

PAWLU (*jibqa' fuq il-bieb bħal wieħed li ma jafx x'għandu jagħmel; wara ftit jistaqsi lil Anna b'leħen bilkemm jinstama'*) Il-bieb tgħalqu?

ANNA (*iddur lejh b'ħeffa kbira u b'leħen qawwi iżda mhux ċar imħabba l-għoqda li telgħeltilha fi grizmejha, tgħajjat*) ĠUDA... Ġuda... Ġuda...

SIPARJU